MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2016

Rikors Revoka Numru: 405/2016 LM

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 188/16 fl-ismijiet:**

**Seasus Limited (C29821)**

**vs.**

**James L. Hawkins (48278A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **James L. Hawkins** (minn issa 'l quddiem "is-sekwestrat") ippreżentat fl-24 ta' Mejju, 2016 ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' liema għar-raġunijiet imfissra talab li din il-Qorti:

1. *Illi nhar il-11 ta' Frar, 2016, Seasus Limited ippreżentat rikors (anness u immarkat DOKUMENT A), li permezz tiegħu talbet li jiġi maħruġ Mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-intimat fl-ammont inġenti u spekulattiv ta' mitt elf Euro (€100,000) in kawtela tal-allegat danni kkawżati lil Seasus Limited konsistenti, inter alia, f'nuqqas ta' ħlas għal xogħlijiet magħmulin fuq ordni tal-esponent James L. Hawkins, mogħtija in mala fede, kif ukoll spejjeż u telf ta' qligħ dovuti għall-aġir tal-istess Hawkins u tal-kontrotalba fil-proċeduri fl-ismijiet James L. Hawkins vs. Seasus Limited (269/15LM) u dan b'riserva għal danni oħra ulterjuri li qiegħda ġġarrab, ser iġġarrab u diġà ġarrbet is-soċjetà Seasus Limited;*

2. *Illi, sussegwentement, dakinhar stess u ċioè nhar il-11 ta' Frar, 2016, il-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjetà Seasus Limited u nħareġ is-sekwestru kontra l-esponent u sal-lum ġie maqbud l-ammont ta' erbat elef, seba' mija u ħamsa u tmenin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€4,785.82);*

3. *Illi r-rikors odjern qiegħed jiġi intavolat ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, liema artikolu jippermetti lill-intimat, li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih, jagħmel rikors lill-Qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża, li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat;*

4. *Illi s-segwenti hija l-kronoloġija tal-fatti:*

*(i) Illi, t-talba tas-soċjetà rikorrenti Seasus Limited hija malizzjuża, frivola u vessatorja u dan stante li l-valur tal-*

*kuntratt, kif jidher mill-Project Costs tal-istess kuntratt (anness u immarkat DOKUMENT B), kien ta' disat elef u ħames mitt Euro (€9,500), li minnhom l-esponent kien diġà laħaq ħallas lis-soċjetà Seasus Limited l-ammont ta' tlett elef, seba' mija u sitta u sebgħin Euro (€3,776) (Invoice mħallsa annessa u mmarkata DOKUMENT C), u dan mingħajr ma rċieva l-ebda xogħol lura;*

*(ii) Illi s-soċjetà Seasus Limited uriet negliġenza grossolona fl-evalwazzjoni tas-system code li l-esponent kien orġinarjament talabha sabiex tevalwa u tirrapporta fuqu, kif ukoll fid-deskrizzjoni tal-code bħala "state of the art", meta l-istess soċjetà rikorrenti aktar tard sostniet li l-Code ma kienx qed jiffunzjona sew (email datata 29 ta' Mejju, 2013 annessa u mmarkata DOKUMENT D);*

*(iii) Illi, għal din ir-raġuni, is-soċjetà Seasus Limited ma tistax ukoll tippretendi li tagħmel profitt jew li tirċievi xi benefiċċju min-negligenza tagħha wkoll u dan a detriment tal-esponent;*

*(iv) Illi l-kuntratt, li s-soċjetà Seasus Limited tat lill-esponent Hawkins sabiex jiffirma kien wieħed li kellu jipprovdi sabiex is-sistema kollha ddettaljata fil-kuntratt issir mill-ġdid, mingħajr ma tistrieħ fuq xi code li seta' sar qabel jew fuq terzi persuni, u għalhekk in-negliġenza tas-soċjetà Seasus Limited, fil-valutazzjoni tagħha, ma hi tal-ebda difiża għall-istess soċjetà;*

*(v) Illi lanqas biss l-items li s-soċjetà Seasus Limited identifikat li kienu neqsin mil-lista tagħha stess u ċioè "IQ*

*Trades Functionality.xlsx", li hi inkluża fl-email datata 29 ta' Mejju, 2013 (li aktar 'il fuq issir referenza għaliha bħala Dokument D) ma qatt saru, bil-wisq anqas dawn l-items ma ġew mogħtija;*

*(vi) Illi l-esponent ma ordna ebda xogħol extra u l-ebda invoice ma qatt ingħatat lill-esponent għal xi xogħlijiet extra u li l-invoices kollha maħruġin mis-soċjetà Seasus Limited diġà tħallsu kollha;*

(vii) *Illi semmai,* stante *n-nuqqas ta' eżegwiment tal-kuntratt, hija Seasus Limited li hija obbligata tirrifondi lura lill-esponent l-ammont ta' tlett elef, seba' mija u sitta u sebghin Euro (€3,776) li sar għar-review system u għat-tlestija tad-development phase u li għandha tħallas ukoll lill-istess esponent Hawkins il-penalitajiet previsti fil-kuntratt minħabba n-non-eżegwiment tal-kuntratt, stante wkoll illi, minħabba n-nuqqas tas-soċjetà Seasus Limited li teżegwixxi l-kuntratt, ġew ikkawżati danni sinifikanti lill-esponent James L. Hawkins, li min-naħa tiegħu kellu jikkuntratta software developer ieħor sabiex jagħtih l-istess servizzi li s-soċjetà Seasus Limited naqset li tipprovdilu kif kienet obbligata tagħmel;*

*(viii) Illi mkien fil-kuntratt ma wieħed isib li jrid jitħallas xogħol li ma sarx;*

*(ix) Illi b'email datata 4 ta' Ġunju, 2013, ġie kkonfermat li "This is an all-inclusive price, as proposed earlier, and includes whatever is necessary at front-end, back-end and*

*hosting environment to put the site live" (email annessa u mmarkata DOKUMENT E);*

*(x) Illi l-kuntratt inkwestjoni jispeċifika li jekk kellu jsir xi xogħol li ma hux fl-ispecification (Schedule A) tal-kuntratt, l-esponent kellu jingħata "work order form" u "price quote" u l-partijiet kellhom jaqblu fuq l-istess fi żmien ħamest ijiem. Xi ħaġa li s-soċjetà Seasus Ltd qatt ma għamlet;*

*(xi) Illi l-kuntratt, partikolarment artikoli 2.4 u 2.6, jistipulaw x'għandu jsir f'dak li għandu x'jaqsam ma' xogħol addizzjonali;*

*(xii) Illi l-ebda xogħol addizzjonali ma kien ordnat jew awtorizzat mill-esponent;*

*(xiii) Illi, anki li kieku kellu jsir xogħol addizzjonali, dan kellu jsir skont il-proċeduri identifikati mill-kuntratt, liema proċeduri fil-kuntratt qatt ma kienu mħarsa mis-soċjetà Seasus Limited;*

*(xiv) Illi l-ammont mitlub fis-sekwestru ta' €100,000 ma għandu l-ebda bażi - la fattwali u lanqas legali u wisq anqas hu munit b'ġustifikazzjonijiet reali dwar x'jirrappreżenta dan l-ammont;*

*(xv) Illi, l-esponent jirrileva, a kuntrarju ta' dak allegat mis-soċjetà Seasus Limited, li ma ġew ikkawżati l-ebda danni lill-istess soċjetà, anzi, għall-kuntrarju, kienet l-istess soċjetà Seasus Limited li kkawżat danni lill-esponenti meta*

*naqset milli tlesti l-kuntratt li kienet ftiehmet dwaru mal-esponent;*

*(xvi) Illi ma hux minnu li kien hemm nuqqas ta' ħlas għal xogħlijiet magħmulin fuq ordni tal-esponent, mogħtija in mala fede, kif ukoll spejjeż u telf ta' qligħ, stante li l-esponenti kien diġà ħallas parti mill-flus dovuti mill-kuntratt minkejja li Seasus Limited qatt ma lestiet il-kuntratt;*

*(xvii) Illi ta' min jissottolinea li l-ammont ta' Euro 3,186, skont il-kuntratt, kellu jitħallas biss mal-Completion of Development Phase. Għalkemm Seasus Limited qatt ma kkompletat l-imsemmi Development Phase, sabiex juri buona volontà l-esponent ħallas dan l-imsemmi ammont lil Seasus Limited, meta ma kienx għadu dovut;*

*(xviii) Illi s-soċjetà Seasus Limited qatt ma bagħtet invoice bix-xogħlijiet li tippretendi li għamlet lill-esponent, wisq anqas uriet ix-xogħlijiet li allegatament għamlet;*

*(xix) Illi kellu jkun l-esponent li jintavola proċeduri ġudizzjarji minħabba li s-soċjetà Seasus Limited naqset li tonora, anzi kisret, l-obbligi kuntrattwali tagħha naxxenti kemm mil-liġi kif ukoll mill-kuntratt datat 8 ta' Lulju, 2013, u li konsegwentement, l-esponent inkorra, u sofra, danni stante li s-soċjetà Seasus Limited naqset milli tlesti x-xogħlijiet kuntrattati fl-intier tagħhom kif stipulati fl-imsemmi kuntratt;*

*(xx) Illi l-kuntratt bejn l-esponent u s-soċjetà Seasus Limited jistipula biss ħlas mill-esponent, wara li jkun*

*kompletat il-kuntratt fl-intier tiegħu, liema kuntratt qatt ma kien kompletat u liema kuntratt bl-ebda mod ma jipprovdi li l-esponent irid iħallas xi ħlasijiet oħra oltre l-valur miftiehem fil-kuntratt;*

*(xxi) Illi d-direttur stess tas-soċjetà rikorrenti, Kenneth Bone, jammetti b'email datata 3 ta' Diċembru, 2013, "Way Forward" li l-ħtija tan-nuqqas ta' eżegwiment tal-kuntratt hi s-soċjetà tiegħu Seasus Limited innifisha u hu stess ma attribwixxa l-ebda tip ta' responsabbiltà lill-esponent (email annessa u mmarkata bħala DOKUMENT F);*

*(xxii) Illi għalhekk wieħed diffiċli jifhem kif Seasus Limited qed tippretendi d-danni minħabba nuqqas ta' ħlas għal xogħlijiet magħmulin minnha meta hija stess qed tammetti, b'mod ċar u inekwivoku, permezz tal-preċitata email, il-ħtija tan-nuqqas ta' eżegwiment tal-kuntratt;*

*(xxiii) Illi l-allegat telf ta' qligħ li qed iġġarrab Seasus Limited jidher li ġej min-nuqqas tagħha li timxi b'mod korrett mal-klijenti tagħha u li tonqos mir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonjiet tagħha li joħorġu mill-iffirmar tal-kuntratt;*

*(xxiv) Illi l-fatt li x-xogħol qatt ma kien kompletat minn Seasus Limited jirrendi dak il-ftit xogħol li laħaq tlesta minn Seasus Limited bħala irrilevanti għax l-esponent ried li jingħata x-xogħol ordnat minnu b'mod sħiħ u mhux biss element żgħir minnu li ma jservi għalxejn;*

*(xxv) Illi wieħed ma jifhimx ukoll xi profitti setgħu ntilfu meta l-accounts ta' Seasus Limited jagħtu stampa li din l-istess kumpannija ma tagħmilx wisq profitti wara li jinqata' s-salarju tal-unika direttur Kenneth Bone;*

*(xxvi) Illi l-ammont mitlub fil-mandat ta' sekwestru hu tant spekulattiv u eċċessiv li meta wieħed jara l-aħħar accounts li Seasus Limited issottomettiet lill-MFSA għas-sena finanzjarja 2013 (hawn annessi u mmarkati DOKUMENTI G), u ċioè s-sena qabel mal-esponent intavola l-proċeduri ġudizzjarji, il-profitt kien ta' Euro 15,339, u għaldaqstant l-ammont mitlub fil-mandat ta' sekwestru hu ċirca sitt darbiet aktar mill-profitti li Seasus Limited tirreġistra f'sena!*

*(xxvii) Għalhekk, it-talba odjerna tas-soċjetà Seasus Limited, qabelxejn, hija waħda eċċessiva u in ogni caso la ġustifikata u wisq anqas ġustifikabbli, u dan oltre li hija malizzjuża, frivola u vessatorja stante li hija l-istess rikorrenti Seasus Limited li kkawżat danni u telf ta' profitti lill-esponent Hawkins, u dan tenut kont ukoll tal-fatt li t-talba tal-istess soċjetà tressqet b'reazzjoni għat-talba mressqa mill-esponent;*

*(xxviii) Illi fil-fatt jidher li s-soċjetà Seasus Limited qiegħda tittanta li, permezz ta' dan is-sekwestru, tikkawża tbatija mhux mistħoqqa lill-esponenti billi tirrestrinġi l-manuverabilità finanzjarja tiegħu tenut kont ukoll li l-esponent hu maħtur mill-Qorti fil-kapaċità ta' kuratur ta' missieru u jeħtieġ aċċess liberu u kontinwu għall-finanzi sabiex jagħmel tajjeb għall-kura kostanti li jeħtieġ missieru,*

*b'dan li donnu s-soċjetà rikorrenti mhix tirrealizza li hija passibbli għad-danni għall-aġir skunsidrat tagħha;*

5. *Illi, ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12, ir-revoka ta' Mandat Kawtelatorju tista' tintalab jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*

6. *Illi, mis-suespost, għandu jirriżulta kjarament illi, prima facie, ma teżisti ebda bażi għall-azzjoni ta' Seasus Limited, partikolarment għall-ammont eżorbitanti mitlub, u li l-mandat kawtelatorju ġie intavolat biss sabiex ifixkel u jintimida lill-esponenti James L. Hawkins;*

7. *Illi, ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-revoka ta' Mandat Kawtelatorju tista' tintalab ukoll jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju, jew parti minnu, jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli;*

8. *Illi l-mandat kawtelatorju odjern m'għandu ebda raġuni għalfejn jissussisti;*

9. *Illi, in via konklussiva u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi sottolineat illi l-esponent Hawkins jista' jsofri wkoll preġudizzju estensiv jekk il-Mandat jibqa' fis-seħħ, stante li tali mandat qed ineħħilu kull likwidità li kellu u qed jimpedilu milli jottjeni l-finanzjament tant neċessarju kemm għalih u kif ukoll għall-manteniment u l-kura ta' missieru li hu raġel anzjan;*

10. *Illi għalhekk fl-eventwalità li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi ma jeżistux raġunijiet suffiċjenti sabiex il-Mandat jiġi revokat għalkollox, jew f'parti minnu (ridott l-ammont), l-esponenti għandu jingħata garanzija għal danni eventwali u imgħax u dan ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12.*

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li jagħmel riferenza għas-suespost u jirriżerva l-jeddijiet kollha tiegħu, jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra li jidhrilha xierqa u opportuna u filwaqt li tittratta dan ir-rikors b'urġenza:*

1. *Tirrevoka għalkollox, jew f'parti minnu, l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 188/16 fl-ismijiet "Seasus Limited (C29821) vs. James L. Hawkins" ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u/jew (1)(f) tal-Kap. 12;*

2. *Tordna u tikkundanna lil Seasus Limited tħallas penali li jogħġobha tipprefiġġi ai termini tal-artikolu 836 (8)(d) tal-Kapitolu 12 u dan stante li t-talba tas-soċjetà Seasus Limited hija waħda malizzjuża, frivola u vessatorja;*

3. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti ma jogħġobhiex tilqa' l-ewwel talba tal-esponenti Hawkins, tordna u tikkundanna lis-soċjetà Seasus Limited sabiex tagħti, fi żmien stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u imgħax ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 u tordna li, jekk tali garanzija ma tingħatax entro t-terminu akkordat, jitneħħa l-mandat;*

4. *Tordna u tikkundanna lis-soċjetà Seasus Limited tħallas id-danni kollha abbażi tal-Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 u dan stante li t-talba ta' Seasus Limited kjarament saret b'malizzja, hija frivola u vessatorja.*

Rat ir-Risposta tas-sekwestranta **Seasus Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà sekwestranta") ippreżentata fl-14 ta' Ġunju, 2016 fejn eċċepiet dan li ġej:

*Illi kif din l-Onorabbli Qorti, hekk kif presjeduta, hija ben a konoxxenza, teżisti kawża fl-ismijiet riferiti, liema kawża ġiet intavolata minn James Hawkins u fl-atti ta' liema kawża s-soċjetà intimata intavolat kontotalba kontra James Hawkins fejn inter alia talbet li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li Seasus Limited aġixxiet in buona fede u ma kisret ebda obbligu kuntrattwali;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi kien James Hawkins li inqeda mis-servizzi ta' Seasus Limited in mala fede u b'intenzjoni qarrieqa;*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-mandat ta' sekwestru numru 476/15 fl-ismijiet James L. Hawkins vs. Seasus Limited gie intavolat minn James Hawkins b'intenzjoni malizzjuża u/jew mingħajr fundament legali u/jew fattwali;*

4. *Tiddikjara u tiddeċiedi li konsegwentement għal dan l-aġir James Hawkins ikkawża danni lil Seasus Limited;*

5. *Tillikwida, okkorendo bin-nomina ta' periti tekniċi, d-danni hekk ikkawżati lil Seasus Limited;*

6. *Tikkundanna lil James Hawkins iħallas lil Seasus Limited id-danni hekk likwidati;*

*Illi inizjalment is-soċjetà esponenti ħadet il-pass kuxxenzjuż li sabiex fost l-oħrajn ma teżasperax is-sitwazzjoni ġia teża bejn il-partijiet ma tintavolax mandati kawtelatorji kontra Hawkins, b'dan li meta mbagħad sussegwentement rat li Hawkins kien qed jagħmel ħiltu kollha sabiex jara kif jaffetwalha l-operat tagħha minħabba t-talbiet eżaġerati u frivoli tiegħu li (skont hu) jeċċedu l-miljun Euro (1,000,000 Euro), liema attentati kienu qed jirnexxu stante li kienu fost l-oħrajn ikkrejaw problemi bejn is-soċjetà Seasus Limited u l-impjegati tagħha, il-klijenti tagħha u l-banek li magħhom taħdem, u dan minbarra l-kapaċità ta' Seasus li tagħmel offerti fil-kuntest ta' tenders kompettittivi maħruġa mill-Gvern li jipprevedu ħlas ta' bid bonds u performance bonds qawwija, Seasus ħadet il-pass leġittimu u meqjus fiċ-ċirkostanzi li tikkawtela l-pożizzjoni tagħha f'somma li hija konservattiva għall-aħħar meta wieħed iqis l-aspetti kollha tal-kwistjoni;*

*Illi dan Seasus kellha tagħmlu stante li ma kellha ebda għażla oħra billi l-attur qed ikun realment sproporzjonat fl-aġir tiegħu u kien verament qiegħed jaffetwa l-operat tas-soċjetà esponenti li kostantement ġiet ritenuta bħala soċjetà ewlenija fil-kamp tal-informatika, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża relattiva;*

*Għar-rigward tal-punti sollevati mill-attur Hawkins, is-soċjetà esponenti għandha dan xi tgħid, filwaqt li tirrimarka li filwaqt li*

*Hawkins jgħid li fil-Qorti ġew depożitati Euro 4,785.82, Seasus Limited irċiviet biss żewg notifiki għar-rigward tal-mandat tagħha:*

*i. Transport Malta, 29 ta' Frar, 2016, li qalet li m'għandiex assi jew flus appartenenti lis-sekwestrat;*

*ii. HSBC, 9 ta' Marzu, 2016, li qalet li ammont miżmum minn dan il-Bank huwa ta' Euro 277.13 u li għalhekk l-ispejjeż sabiex dan l-ammont hekk żgħir jigu depożitati kienu ser jeċċedu l-ammont miżmum.*

*Jekk kien hemm bżonn ta' aktar provi tad-dispożizzjoni tal-attur, li donnu jgħix f'dinja fejn hu dejjem għandu raġun u ħadd qatt ma jista' jikkontestah, il-kontenut tar-rikors huwa dik il-prova li tirriassumi f'mod ċar il-kontradizzjonijiet u l-prepotenza ta' dan il-bniedem;*

*Illi Hawkins jibda biex jgħid li l-ammont ta' Euro 100,000 reklamat minn Seasus huwa malizzjuż, frivolu u vessatorju meta tqis li huwa marbut ma' proġett tal-valur ta' Euro 9,500;*

*Illi din l-asserzjoni sinċerament ħalliet lill-esponent b'ħalqu miftuħ;*

*Illi l-attur Hawkins huwa l-persuna li interpona l-kawża marbuta ma' dan is-sekwestru, bbażata fuq l-istess proġett u kuntratt, li ppreżentat sekwestru għall-300,000 euro (li din l-Onorabbli Qorti naqqset għal 50,000 euro) u għamel sottomissjonijiet li huwa qiegħed jitlef aktar minn miljun euro, meta lanqas biss għandu negozju avvjat u lanqas għandu ħamest elef euro l-bank;*

*Illi mill-banda l-oħra Hawkins huwa wkoll il-persuna li tħoss li huwa frivolu da parti tal-kumpannija intimata, ċioè kumpannija avvjata u b'reputazzjoni fis-settur, li timpjega 11-il ruħ, għandha kuntratti ma' entitajiet pubbliċi suġġetti għall-performance bonds, tinterponi mandat ta' sekwestru sabiex tikkawtela l-pożizzjoni tagħha meta hi tilfet kuntratti li jeċċedu sew dan il-valur bħala riżultat tal-aġir tal-attur;*

*Illi dan minbarra sigħat twal ta' xogħol ta' diversi uffiċjali għoljin li qattgħu ġranet sħaħ jippruvaw isibu soluzzjoni mas-Sur Hawkins meta fil-verità soluzzjoni qatt ma setgħet tinsab stante li dejjem kien it-tir ta' James Hawkins li jipprova jtawwal u jidħol f'din il-kawża;*

*Illi għalhekk huwa tassew kontradittorju li bniedem iħoss li dak li jgħodd għalih ma jgħoddx għall-ħaddiehor li m'għandux dritt jikkawtela ruħu filwaqt li hu jipprova jirrovinah;*

*Illi huwa wkoll pertinenti jingħad li minbarra dan kollu s-Sur Hawkins jissokta jgħawweġ il-kliem u l-fatti biex jipprova joħloq konfużjoni u sabiex jiżvija lill-Qorti;*

*Illi fil-fatt kif muri minn dokumentazzjoni li diġà ġiet sottomessa, Seasus kienet qalet illi "the technology stack adopted was state-of-the-art". Dan ifisser illi l-għodda użata mill-kuntrattur ta' qabel kienu l-aktar moderni fis-suq li kienu disponibbli dak iż-żmien. Iżda, l-użu ta' għodda tajbin ma jfissirx awkomatikament li x-xogħol kien komplut, u wisq inqas li sar sew. Fil-fatt fl-istess email lis-Sur Hawkins, Seasus kompliet tavżah li kien hemm wisq anqas xogħol kompletat minn dak li kien ingħadilha u pprovdiet lista*

*twila ta' dawn l-affarijiet nieqsa jew li ma kinux jaħdmu. Dan intqal fl-istess email, u mhux wara, kif jingħad f'dan ir-rikors. [DOK B – Email minn Kenneth Bone datata 29 ta' Mejju 2013];*

*Illi fil-fatt in-negliġenza u nuqqas ta' professjonalità ġiet min-naħa tas-Sur Hawkins illi kien għażel li jqabbad lil kuntrattur ta' qabel (Hive) biex jispiċċa x-xogħol relatat maċ-Charts, dan wara li Seasus kienet għamlitha ċara li dan ix-xogħol ma kienx sar sew. Hawkins għażel ukoll li jqabbad kuntrattur ieħor (BPC) sabiex jagħmel ix-xoghol relatat ma' graphic design. Abbażi ta' dan, is-Sur Hawkins talab li jitnaqqas il-prezz li kienet ikkwotat Seasus Ltd. Iżda, ix-xogħol li suppost sar minn dawn il-kuntratturi qatt ma sar, u milli jidher dan minħabba li s-Sur Hawkins iġġieled ma' dawn il-kuntratturi wkoll;*

*Illi għandu jirriżulta ċar mid-dokumentazzjoni li x-xogħol ta' Seasus kien jikkonsisti fit-tlestija tax-xogħol li kien inbeda mill-kuntrattur ta' qabel, u mhux li jinbeda kollox mill-ġdid. Il-prezz maqbul kien biex jitlesta ix-xogħol hekk kif imniżżel fil-lista mogħtija lis-Sur Hawkins, u dan ma jfissirx illi kulma fettillu jżid u jbiddel minn dik il-lista s-Sur Hawkins kellu jsir mingħajr ħlas akbar;*

*Illi għalhekk l-akbar raġuni għalfejn Seasus Ltd lestiet biss madwar 10% mill-affarijiet imsemmija f'din il-lista, hija għaliex l-ewwel tlieta jew erba' xhur tal-proġett kienu ddedikati sabiex isir ix-xogħol illi kien maqbul fil-bidu li kellu jsir minn kuntratturi oħrajn. [DOK B – Email minn Hawkins datata 30 ta' Mejju, 2013 fejn jgħid illi x-xogħol fuq iċ-Charts kellu jitlesta minn Hive, u Seasus naqqset il-prezz ikkwotat;*

*Illi barra minn hekk Seasus qatt ma ħarġet talba għal iktar ħlas għaliex qatt ma laħqu qbil mas-Sur Hawkins fuq il-"functional specification" u wisq anqas fuq kemm kien il-valur tax-xogħol sostanzjali żejjed li sar li ma kienx imniżżel fil-lista maqbula;*

*Illi kif irriżulta mix-xhieda tas-Sur Lupi, fil-kuntest ta' talba għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru preċedenti, ix-xogħol mogħti lil dan il-kuntrattur ġdid kien sabiex is-sistema ssir kollha mill-ġdid, illi huwa kompletament differenti mill-kuntratt li ngħata lil Seasus, li kien limitat għat-tlestija tax-xogħol li kien fadal isir fuq ix-xogħol tal-kuntrattur ta' qabel, hekk kif imniżżel fil-lista msemmija;*

*Illi huwa wkoll tgħawwiġ tal-kliem li dak rappurtat fil-paragrafu (ix) tar-rikors ta' James Hawkins dwar qbil fuq prezz billi din l-email saret abbażi tal-premessa li ammont ta' xogħol sostanzjali kellu jsir minn kuntratturi oħrajn, u li kien jifdal isir minn Seasus kienu l-affarijiet imsemmija fil-lista, liema sitwazzjoni kienet ferm differenti minn dak li sabet ma' wiċċha Seasus meta bdiet il-proġett;*

*Illi huwa ukoll fieragħ u inveritier dak sottomess fil-paragrafu (x) tar-rikors promotur billi jirriżulta li kien hemm bosta drabi, hekk kif jirriżulta mid-dokumentazzjoni diġà sottomessa, fejn is-Sur Hawkins ġie infurmat illi dak li kien qed jitlob kien ferm oltre minn dak maqbul u kemm-il darba wkoll kien hemm talbiet għall-ħlas ulterjuri u fil-fatt il-partijiet diversi drabi mxew ma' dak li jistipula l-kuntratt meta lis-Sur Hawkins jaċċetta bdil fix-xogħol li kien maqbul. Kien biss f'okkażjoni waħda li s-Sur Hawkins aċċetta, għalkemm parzjalment talba minn dawn;*

*Illi għandu jingħad ukoll li hija proċedura normali li jintalab depożitu hekk kif jinbeda x-xogħol u fil-fatt kien hemm qbil mas-Sur Hawkins. Anzi, fl-ewwel stima ta' Seasus Ltd kien imniżżel ċar li:*

> *"We will request 50% upon commencement and the remaining 50% upon completion of UAT and go live."*

*Illi madankollu kien fuq insistenza tas-Sur Hawkins illi l-ammont li kellu jitħallas fil-bidu jitnaqqas għal 30%, u pagamenti ulterjuri maqsumin fi tliet partijiet.*

*Illi dak indikat fil-paragrafu (xxi) huwa wkoll svijanti. Fl-istess email imsemmija, Seasus tgħid li waħda mir-raġunijiet għalfejn il-proġett ma tlestiex kien illi s-Sur Hawkins ippreżenta stampa qarrieqa tal-proġett li ma kienx jinkludi d-detall li kien qed jippretendi. Dan għamlu apposta sabiex iżżomm il-prezz tal-proġett baxx kemm jiflaħ.*

> *"An oversimplified specification document"*

*Illi huwa fatt li Seasus għandha reputazzjoni tajba ferm mal-klijenti tagħha. Id-dannu li qed iġġarrab Seasus huwa speċifikament minħabba l-imġiba tas-Sur Hawkins li niżżel lill-kumpannija għarrkuptejha billi kellha tiddepożita ammont għoli ferm fil-Qorti, inkawtela tas-suppost pretensjonijiet tal-istess Hawkins;*

*James Hawkins jiittanta jisvija wkoll meta jirreferi għall-qligħ u dħul tas-soċjetà Seasus Limited. Fil-fatt għalkemm il-kumpannija tiffoka aktar biex terġa' tinvesti l-profitti f'valur intern, aktar milli*

*profitti li jitħallsu lill-azzjonisti, jekk wieħed jara l-accounts tal-kumpannija għall-2012, hekk kif irreġistrat mal-MFSA, il-kumpannija għamlet qligħ nett ta' Euro 65,887. Madankollu, fl-2013 il-profitt naqas sostanzjalment hekk kif mijiet ta' sigħat li investiet Seasus f'dan il-proġett qatt ma tħallsu;*

*Illi barra minn hekk, filwaqt li l-kumpannija qatt ma kienet irreġistrat telf kemm ilha topera, fl-2014 irreġistrat telf nett ta' €53,029. Dan huwa wkoll minħabba l-imġiba qarrieqa u rresponsabbli tas-Sur Hawkins li bil-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru tiegħu poġġa lil Seasus f'pożizzjoni finanzjarja kritika li rriżulta f'telf ta' numru ta' kuntratti sostanzjali, riżenji ta' impjegati li huma l-aktar riżorsa importanti f'dan ix-xogħol, imgħax, penali u diversi spejjeż oħrajn;*

*Illi huwa wkoll opportun li jerġa' jiġi riaffermat li għalkemm Seasus soffriet dannu kbir bil-ħruġ tal-mandat mis-Sur Hawkins għall-ammont ta' €300,000, din żammet lura milli tintavola mandat kontrih kif kien id-dritt tagħha li tagħmel u din kienet deċiżjoni kuxxenzjuża li għamlet sabiex fost l-oħrajn ma teżasperax is-sitwazzjoni. Illi madankollu Hawkins baqa' jinsisti fil-missjoni tiegħu li jirrovina lis-soċjetà esponenti u baqa' jestendi l-mandat kontra kemm seta' jimmaġina individwi, inklużi klijenti potenzjali jew eżistenti li ġew allarmati minn dan l-aġir u għall-ammont ta' €300,000 anki meta dan kien tnaqqas minn din il-Qorti u dan sempliċement biex issir aktar ħsara lir-reputazzjoni ta' Seasus u tiġi peġġjorata s-sitwazzjoni finanzjaraja tal-kumpannija.*

*Illi għalhekk, f'dan l-istadju, kellha tittieħed id-deċiżjoni li jinħareġ il-mandat kontra s-Sur Hawkins sabiex jitħarsu l-interessi tal-istess*

*kumpannija, hekk kif deher ċar illi l-unika intenzjoni tas-Sur Hawkins kienet li jipprova jġiegħel lil Seasus tħallas l-ammont skunsidrat mitlub minnu qabel mal-Qorti tkun waslet għall-konklużjoni dwar dan il-każ.*

*Illi filwaqt li Seasus tifhem sew, issa li kellha titgħallem dan wara l-azzjoni ta' James Hawkins, l-inkonvenjenza u tbatija li mandat ta' sekwestru jkollu fuq min jirċevih, għandu jiġi sottomess li Hawkins ma kellu l-ebda problema joħroġ mandat verament sproporzjonat li bih poġġa fil-periklu 11-il impjieg u snin ta' xogħol iebes fuq talba fiergħa intiża biss biex ipoġġi lis-soċjetà esponenti b'daharha mal-ħajt.*

*Għaldaqstant is-soċjetà esponenti filwaqt li tagħmel referenza għas-suespost u tirriżerva l-jeddijiet kollha tagħha, titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra li jidhrilha xierqa u opportuna tiċħad it-talba għar-revoka u għat-talbiet l-oħra kollha ta' James Hawkins.*

*B'riżerva tal-jeddijiet kollha ta' Seasus Limited inkluż il-jedd għall-azzjoni ulterjuri għad-danni.*

Rat l-atti tar-Rikors.

Rat l-atti tal-kawża numru 269/15LM bejn l-istess partijiet.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2016 fejn ir-Rikors tħalla għal-lum għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri s-sekwestrat qiegħed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 188/16 fl-ismijiet **Seasus Limited (C29821) vs. James L. Hawkins** ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u/jew (1)(f) tal-Kap 12.

Illi s-soċjetà sekwestranti rribattiet li s-sekwestrat qiegħed jilmenta li nħareġ sekwestru għas-somma ta' €100,000, tenut kont li huwa marbut ma' proġett ta' €9,500, meta tqis li s-sekwestrat stess talab il-ħruġ kontriha ta' mandat ta' sekwestru fl-ammont ta' €300,000, li din il-Qorti naqqset għal €50,000. F'kawża li James Hawkins fetaħ kontra Seasus Limited, din tal-aħħar għamlet kontrotalba biex Hawkins jiġi ddikjarat li huwa nqeda bis-servizzi tagħha in *mala fede* u b'intenzjoni qarrieqa kif ukoll li l-mandat ta' sekwestru numru 476/15 li għamel kontrieha kkawżalha danni, tant li għall-ewwel darba kemm ilha topera fit-2014 irreġistrat telf ta' €53,029 minħabba li s-sekwestru poġġieha f'sitwazzjoni finanzjarja kritika li rriżulta f'telf ta' kuntratti sostanzjali, riżenji ta' impjegati, imgħax, penali u diversi spejjeż oħrajn. Is-sekwestrat James Hawkins jargumenta li Seasus ma sofriet l-ebda danni, u fi kwalunkwe

każ l-ammont ta' danni li s-soċjetà Seasus Limited qed tippretendi li sofriet huwa esaġerat meta fit-2013 il-profitt kien ta' €15,339.

Illi mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 tal-Kap. 12 jidher li l-unika eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie,* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża li hemm pendenti bejn il-partijiet quddiem din il-Qorti kif ippreseduta, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprija.

Illi fil-fatt jista' jingħad li dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina *prima facie* jekk min ħareġ il-mandat kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-aħħar eżami jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża. (**P. J. Sutters Company Limited vs. Concept Limited** – P.A. (RCP) 10 ta' Mejju, 2001; **Visa Investments Ltd vs. Blye Engineering Co. Ltd** – (P.A. (RCP) 7 ta' Frar; 2001).

Illi jirriżulta mill-provi prodotti, u mill-atti li sar riferiment għalihom mill-partijiet, li l-Mandat ta' Sekwestru indikat jikkawtela l-istess pretensjonijiet li jiffurmaw il-meritu tal-kontrotalba fil-kawża ċitata.

Illi f'din il-proċedura, il-partijiet għamlu diversi allegazzjonijiet b'wieħed jitfa' l-ħtija fuq l-ieħor. Dan kollu huwa l-mertu tal-pendenza eżistenti bejn il-partijiet fl-istess kawża ta' bejniethom fuq ċitata, u għalhekk ċertament li din il-Qorti,

f'dan l-istadju ma għandhiex tagħti ġudizzju fuq l-istess, stante li tkun qiegħda minflok tiddeċiedi l-kawża, li mhuwiex l-iskop ta' din il-proċedura abbażi tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12.

Illi però min-natura stess tal-premessi tal-istess rikors u wkoll mill-allegazzjonijiet stess tal-istess sekwestrat hawn riportati, jidher ċar li s-soċjetà sekwestranti kellha pretensjoni u kawżali legali li abbażi tagħhom talbu l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju, u għalhekk d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 829, 831, u 835 tal-Kap. 12 jidher li ġew pjenament sodisfatti, tant li l-istess sekwestrat irrikonoxxa l-eżistenza ta' tali pretensjoni, tant li qed jitlob *inter alia* li jiġi dikjarat li l-valur tad-danni mhuwiex dak li qed isostni s-soċjetà sekwestranta. Dan ma jfissirx li l-pretensjoni tas-soċjetà sekwestranta hija fondata, għaliex dan jista' jingħad biss mat-terminazzjoni tal-kawża indikata bejn il-partijiet, però qatt f'dan l-istadju, fejn il-Qorti hija limitata sabiex teżamina l-*prima facie* biss tal-pretensjoni tas-soċjetà sekwestranta, li ċertament tirriżulta, għalkemm ovvjament kontestata.

Illi għalhekk abbażi tal-premess, ma jidhirx li t-talba tas-sekwestrat skont l-Artikolu 836 (1) tal-Kap. 12 tista' tiġi milqugħha, peress li jidher li l-istess att kawtelatorju ħareġ fuq pretensjoni u kawżali reali, li d-determinazzjoni tagħha għandha tiġi biss deċiża fil-kawża apposita.

Illi ma jidhirx li t-talba tas-soċjetà Seasus Limited għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kienet waħda malizzjuża, frivola jew vessatorja u għalhekk ma hemmx lok għall-impożizzjoni ta' penali a tenur tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12.

Illi s-somma ta' €100,000 is-sekwestrata lanqas ma tidher li hija esaġerata jew irraġonevoli meta tqis li fis-sena 2012 qabel ma r-rikorrent ippreżenta l-mandat tiegħu kontra Seasus Limited, din tal-aħħar kienet irreġistrat qligħ ta' €65,029 li naqas fit-2013 meta nħareġ il-mandat, u l-kumpannija rreġistrat għall-ewwel darba kemm ilha topera telf ta' €53,029 fit-2014. Effettivament din diġà tilfet ferm iktar minn €100,000.

Illi r-rikorrent talab li, jekk it-talba tiegħu għar-revoka tiġi miċħuda, il-Qorti toħroġ garanzija biex tagħmel tajjeb għall-penali li tista' tiġi inflitta, u għad-danni li jistgħu jirriżultaw. Dan qiegħed jagħmlu a tenur tal-Artikolu 838A tal-Kap 12. Dan mhuwiex dritt li jiskatta awtomatikament mal-ħruġ ta' mandat kawtelatorju. Huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti, li tista' toħorġu jekk min jitlobha juri li hemm "kawża ġusta". Din il-Qorti mhix konvinta li r-rikorrent ipprova li hemm kawża ġusta għall-ħruġ tal-garanzija.

**Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent qegħdin jiġu miċħuda. Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.**

Moqrija.